MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**HAYMAN MIRIAM LL.D.**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2001

Numru 474/1999

**Il-Pulizija**
**(Sp. Pio Pisani)**

**vs**

**Carmel Buttigieg ta' 68 sena, iben Joseph u Catherine nee Sciberras, mwieled Rabat Ghawdex u residenti 205, Constitution Street, Mosta, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 44330 (G).**

**Illum 11 ta' Lulju, 2001.**

Il-Qorti,

Rat il-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Carmel Buttigieg li gie akkuzat talli fil-5 ta' Novembru, 1996, u fix-

xhur ta' qabel din id-data u cioe fil-fond 205, Constitution Street, Mosta ikkommetta serq ta' kurrent elettriku ghad-dannu tal-korporazzjoni, liema reat huwa kwalifikat bil-mezz (Art 264 tal-Kap. 9). Akkuzat ukoll talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel hsara fil-fili jew gumni tas-servizz elettriku jew tal-meter taghhom jew tas-sigilli ta' xi meter jew ikkaguna telf tal-kurrent elettriku u volontarjament ghamel hsara jew kisser xi parti mill-meter jew sigilli ta' xi meter jew xi parti minn apparat jew gumni uzati fil-provista tal-elettriku jew is-sigilli tieghu ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa fl-ammont ta' Lm 250.39.

Rat l-atti tal-kawza.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat.

Illi l-artiklu 264 tal-Kap 9 jitfa l-onu tal-prova fuq l-imputat fil-kawzi bhal dik in dizamina, pero' dejjem kif hu ben risaput sal-grad tal-probabbli.

Gie ben pruvat li l-meter fil-garage kellu hgiega miksura u jidher li gie levat. Dan il-fatt gie rapportat mill-istess akkuzat li nnega kompletament l-akkuzi addebitati lilu. Spjega dwar kemm ikun imsiefer, pero' ghalkemm jidher li thalla dubju dwar il-veracita' ta' dan, il-passaport tieghu qatt ma gie esebit (animo ritirandi) jew muri lill-Qorti. Kemm l-akkuzat kif ukoll ix-xhieda in difiza insistew li hu l-akkuzat kien ikun assenti minn Malta ta' spiss oltre hekk anke ttellghu provi in difiza li l-akkuzat ikun assenti mir-residenza tieghu ghax juza residenza ohra. Irrizulta wkoll illi l-garage fejn kien sitwat il-meter, u dan mir-relazzjoni tal-Perit Tekniku, "… kien maghluq ghal perjodu ta' zmien twil tant kemm kien ingemgha trab ma' l-art u fuq il-karozza Mercedes." (a fol 10).

Mix-xhieda ta' l-akkuzat u anke x-xhieda minnu mressqa cioe fix-xhieda ta' Guzeppi Vella, irrizulta li fil-fatt kien

inbidel il-fuse tal-Gvern u kien hawn li ndunaw li l-meter kellu l-hgiega miksura. Fil-fatt Carmelo Buttigieg xehed li sema spluzjoni, hu u Giuseppe biddlu l-fuse tal-geyser, semghu spluzjoni ohra fil-garage, hasbu li tar il-fuse tal-gvern u hawn skoprew il-hgiega tal-meter kienet miksura. Qal ukoll li ftit granet qabel kienu anke marru ta' l-Enemalta jaqraw il-meter u ma sabu ebda diskrepanza fl-istess meter. Kien l-istess akkkuzat li fil-fatt irraporta l-hsara li sab fil-meter.

Ikkonsidrat

Illi tenut kont tal-prezunzjoni gia hawn fuq imsemmija li hija wahda iuris tantum, il-Qorti hija tal-fehma li jista' jkun probabbli li fil-fatt il-meter setgha sofra danni f'din id-detta spluzjoni. Hija daqstant probabbli l-ispjegazzjoni li ressqet l-imputat dwar id-diskrepanza fil-konsum, ghaldaqstant il-Qorti qeghda tillibera lil Carmel Buttigieg l-akkuzat mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.